PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

14.2.2011 0004/2011

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-introduzzjoni ta' Jum Ewropew ta' azzjoni kontra l-mobbing u l-ibbuljar fil-post tax-xogħol

**Angelika Werthmann, Evelyn Regner, Ulrike Lunacek**

Data ta' skadenza: 16.5.2011

**0004/2011**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-introduzzjoni ta' Jum Ewropew ta' azzjoni kontra l-ibbuljar u l-fastidju fil-post tax-xogħol**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra d-Direttiva Kwadru 89/391/KEE, l-istrateġija Komunitarja għas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol 2007-2012 kif ukoll il-qbil volontarju ta' qafas tas-sħab soċjali tas-26 ta April 2007,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Settembru 2001 (A5-283/2001) dwar l-ibbuljar fil-post tax-xogħol,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Artikolu 31 tal-Karta Fundamentali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE jistabbilixxi li kull ħaddiem għandu d-dritt għal kundizzjonijiet li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu,

B. billi d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 tittratta l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol,

C. billi studju tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol bl-isem "European Survey of Enterprises on New and Emerging Risks" juri li l-ibbuljar huwa sottovalutat bħala riskju għas-sigurtà u s-saħħa,

D. billi l-ibbuljar jikkawża problemi psikiċi u fiżiċi gravi ħafna fuq il-persuni affettwati,

1. Huwa tal-fehma li din il-problema għandha tinġieb aktar għall-attenzjoni tal-pubbliku;

2. Jitlob li, għal din ir-raġuni, fis-17 ta' Lulju ta' kull sena jiġi osservat *Jum Ewropew ta' azzjoni kontra l-ibbuljar u l-fastidju fil-post tax-xogħol*, li matulu għandhom isiru attivitajiet ta' informazzjoni rilevanti;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti tal-Istati Membri.